

P7_TA(2013)0541

Ftehimiet ta' kreditu b'rabta ma' proprjetà residenzjali ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Diċembru 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ftehimiet ta' kreditu b'rabta ma' proprjetà residenzjali (COM(2011)0142 – C7-0085/2011 – 2011/0062(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0142),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0085/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Awissu 2011¹,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Lulju 2011²,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill permezz ta' ittri tat-8 ta' Mejju 2013 u 27 ta' Novembru 2013 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294 (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0202/2012),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taht³;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C 240, 18.8.2011, p. 3.

² ĠU C 318, 29.10.2011, p. 133.

³ Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fl-10 ta' Settembru 2013 (Testi adottati, P7_TA(2013)0341).

P7_TC1-COD(2011)0062

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-10 ta' Diċembru 2013 bil-
ħsieb li tadotta d-Direttiva 2014/.../UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar
kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u
li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-
att finali, d-Direttiva Nru 2014/17/UE.)*